# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħdax (11) ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru 63/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Austin Masini (ID 58652G)**

**Vs**

**Ministeru għas-Saħħa,**
**Grievances Unit imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa,**
**Review Board imwaqqaf biex jistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa,**
**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta' Awwissu 2017, ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti intavola talba quddiem il-Grievances Unit imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa u dana sabiex jiġi ddikjarat li l-esponenti safa vittma ta' inġustizzji meta impjegat fi ħdan l-istess Ministeru.*

    2. *Illi t-talba tiegħu ġiet miċħuda mil-Grievances Unit li permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Awwissu 2016 ikkonkluda li "[l]-Unit jinnota li dan il-każ seħħ*

*fl-1997 u b'hekk imur lil hinn mill-kompetenza ta' żmien tal-Unit ma jistax jirrakomanda xi tip ta' rimedju"*

3. *Illi din id-deċiżjoni ġiet kkonfermata mir-Review Board imwaqqaf biex jistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa permezz ta' ittra mibgħuta lill-esponenti datata 1 ta' Marzu 2017.*

4. *Illi kemm il-proċeduri li addotta 1-Grievances Unit u anke dawk addottati mir-Review Board ma jimxux mad-dettami tal-Prinċipji ta' Ġustizzja Naturali, senjatament l-prinċipju tal-audi alterem partem u dak tan-nemo iudex in causa propia stante li:*

   a. *Dawn il-forums m'humiex komposti minn ġudikanti independenti u imparzjali;*
   b. *L-esponenti ma ġiex infurmat bis-seduti kollha miżmuma u wisq anqas invitat sabiex jipparteċipa fl-istess seduti;*
   c. *L-esponenti ġie mċaħħad milli jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri kollha;*

5. *Illi di piu, l-konklużjoni tal-Unit mhix tajba stante li l-Unit filfatt għandu kompetenza li jisma' dwar każijiet li seħħew fis-sena 1997 b'dana pero l-effetti tal-każ iridu jibqgħu jinħassu fl-aħħar seba' snin mid-data tat-twaqqif tal-Unit de quo. Din 1-interpretazzjoni ġiet anke imħaddna minn Grievances Units imwaqqfa fi ħdan Ministeri oħrajn.*

6. *Illi l-esponenti ġie iddiskriminat mil-awtoritajiet stante f'każijiet identiċi l-persuni konċernati ngħataw rimedju.*

7. *Illi l-esponenti għadu jġorr miegħu u jbgħati l-konsegwenzi tal-każ tiegħu sal-ġurnata tal-lum minkejja li dan ġara fis-sena 1997. L-esponenti għadu ippreġudikat bl-inġustizzji li seħħew fil-konfront tiegħu fil-passat u għalhekk it-talba tiegħu għandha tinstema' fil-mertu tagħha.*

8. *Illi tkun verament ħasra li l-istess forums li suppost jidentifikaw u jirrimedjaw inġustizzji li saru fil-konfront ta' impjegati, jkunu huma stess sors ta' inġustizzja fil-konfront ta' individwi li suppost jgħinu u jipproteġu.*

9. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.*

*GĦALDAQSTANT u għar-raġunijiet fuq premessi u raġunijiet li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża l-esponenti umilment jitlob lil dina 1-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Grievances Unit konvenut tal-20 ta' Awwissu*

*2016 hekk kif ikkonfermata mir-Review Board fl-1 ta' Marzu 2017 u dak kollu li ppreċediha tikkonstitwixxi għemil amministrattiv sindikabbli minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

2. *Tiddikjara li 1-istess att amministrattiv sar bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili peress li kiser il-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa ultra vires stante li l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u 1-ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil, l-istess egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita pubblika u l-istess egħmil amministrattiv mar b'modijiet oħra kontra l-liġi għar-raġunijiet fuq imsemmija u raġunijiet oħra li jiġu elaborati u spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

3. *Konsegwentament tannulla u tħassar id-deċiżjoni fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta’ Settembru 2017, l-Ministeru għas-Saħħa, il-Grievances Unit, ir-Review Board u l-Avukat Ġenerali laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*Eċċezzjonijiet preliminari*

1. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, il-privilegium fori billi l-esponenti kollha għandhom s-sede tagħhom fil-Gżira ta' Malta minn fejn jamministraw u jmexxu x-xogħol tagħhom u fl-ebda ħin fl-ilmenti tar-rikorrenti ma kien hemm xi tip ta' ftehim li x-xogħol kellu jkun relatat esklussivament għal Gżira ta' Għawdex;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess m'hemm l-ebda entita' ġuridika b'isem tal-Grievances Unit u r-Review Board stante li dawna ġew komposti speċifikament għal perjodu sabiex jindirizzaw kawżi w illum il-ġurnata huma xolti;*

3. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' interess puridiku tal-esponenti Grievances Unit u Review Board peress illi l-istess Unit u Board ma għandhom l-ebda interess fil-finali ta' talba attriċi;*

4. *Illi l-esponent Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mir-rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi n-nullita tar-rikors ġuramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponent Avukat Ġenerali;*

*Eċċezzjonijiet fil-mertu*

1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

2. *Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

3. *Illi l-esponenti jeċepixxu illi r-rakomandazzjoni mogħtija mill-Grievances Unit u sussegwentement approvata mir-Review Board hija waħda ġusta stante illi l-ilment tar-rikorrent huwa wieħed li ma jaqax taħt il-perjodu ta' seba' snin qabel is-sejħa li saret f'Marzu tal-2014 u dan stante li lment jmur lura għas-sena 1997. Dan kollu ġie spjegat lilu kemm permezz ta' ittra mibgħuta mill-Grievances Unit fl-20 ta' Awwissu 2016 u ittra mibgħuta mir-Review Board fl-1 ta' Marzu 2017 (vide Dok A u Dok B fl-atti tal-proċess);*

4. *Illi r-rikorrent isostni illi l-ilment tiegħu, għalkemm seħħ fis-sena 1997, xorta waħda għandu jinstema' mill-esponent Grievances Unit għaliex l-allegat inġustizzja u il-konsegwenzi tal-allegat inġustizzja allegatament affettwaw negattivament lill-istess rikorrent matul is-seba' snin li għaddew qabel ma ntavola l-proċeduri quddiem il-Grievances Unit. Illi madanakollu ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova quddiem il-Grievances Unit u r-Review Board ta' din l-allegazzjoni. Għaldaqstant l-esponenti kienu korretti fir-rakomandazzjoni tagħhom;*

5. *Illi r-rikorrent intavola kawża ai termini tal-Artiklu 469A tal-Kap 12 abbażi ta' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom l-audi alteram partem u nemo jutex in causa propria u ċioe' in-nuqqas ta' smigħ kif ukoll in-nuqqas ta' indipendenza tal-ġudikanti. L-esponent għan-nom tal-Grievances Unit jirrileva illi ai termini ta' report sheet (hawnhekk anness u mmarkata DOK GUI) r-rikorrenti kien mgħajjat sabiex jinstema' u jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem l-istess Unit u mhux kif ġie allegat fir-rikors promutur.*

6. *Illi l-istess jista' jingħad fil-konfront għat-talba ta' rikunsiderazzjoni quddiem ir-Review Board stante illi r-rikorrent ma ressaq ebda prova ġdida sabiex jissostanzja l-ilment tiegħu quddiem dan il-Bord u għaldaqstant dana l-Bord mexa skond il-mansjoni tiegħu u dan ġie*

*spjegat fir-report sheet tal-istess Bord (hawn annessa u mmarkata RB1).*

7. *Illi għaldaqstant m'huwiex minnu illi r-rikorrenti ma ġiex infurmat bis-seduti li saru kif qiegħed jallega fir-rikors promutur jew ma ngħatax iċ-ċans illi jipparteċipa billi jressaq provi. Wisq anqas ma l-esponenti ċaħdu lir-rikorrenti milli jkun assistit minn xi tip ta' għajnuna legali hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

8. *Illi f'kull każ ukoll, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Il-fatti kif dikjarati mill-attur huma kontestati, kif ser jirriżulta aħjar fil-kors tas-smigħ tal-kawża.*

9. *Illi f'kull każ, id-deċiżjoni meħuda mill-intimati dak iż-żmien kienet waħda ġusta skont il-liġi, u anke tista' terġa' tiġi kkonfermata in vista taċ-ċirkostanzi u għaldaqstant ma timmeritax reviżjoni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex – Ġurisdizzjoni Superjuri) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-privilegium fori u bagħtet l-atti lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, Malta, sabiex jiġu hemm assenjati.

4. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2017, il-kawża bdiet tinstema' quddiem il-Qorti Ċivili Prim' Awla.

**Provi**

5. Rat l-affidavit ta' **Austin Masini**, ippreżentat mir-rikorrenti fit-30 ta' Awissu 2017. (fol 20)

6. Rat ix-xhieda ta' **Michael Grima**, bħala segretarju tal-Grievances Unit fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, prodott mir-rikorrent u mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2017. (fol 37)

7. Rat l-affidavit ta' **Michelle Delceppo**, **Charles Cilia** u **Joseph Bonello** ippreżentati mill-intimati fit-18 ta' Ottubru 2017, b'referenza għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari. (fol 39, 42 u 45)

8. Rat ix-xhieda ta' Charles Cilia, ġia Chairman tal-Grievances Unit, mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fil-5 ta' Marzu 2018. (fol 81)

9. Rat ix-xhieda fil-konfront ta' Austin Masini, mogħtija fil-5 ta' Marzu 2018. (fol 91)

10. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fis-27 ta' Marzu 2018, ossija Ċirkolari Nru 20/2014 datata 25 ta' Settembru 2014 (fol 105), Press Release

intitolat 'Grievances Unit għall-Impjegati tal-Gvern Irtirati' datata 4 ta' Frar 2014 (fol 108), Ċirkolari Nru OPM 4/2014 intitolata 'Twaqqif ta' Grievances Unit' datata 5 ta' Frar 2014 (fol 109) u Ittra mibgħuta mir-rikorrent intitolata 'Rigward Inġustizzja' datata 24 ta' Frar 2014. (fol 112)

11. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Degiorgio**, membru tal-Grievances Unit, prodott mir-rikorrent u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fis-27 ta' Marzu 2018. (fol 113)

12. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Stafrace**, membru tal-Grievances Unit, prodott mir-rikorrent u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fis-27 ta' Marzu 2018. (fol 126)

13. Rat ix-xhieda ta' **Mario Cutajar**, Segretarju Permanenti Ewlieni tal-Gvern, prodott mir-rikorrent u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fis-16 ta' April 2018. (fol 136)

14. Rat ix-xhieda ta' Michelle Delceppo, Co-ordinator tas-Central Unit, prodott mir-rikorrent u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fis-16 ta' April 2018. (fol 136)

15. Rat l-affidavit addizzjoni ta' Austin Masini ippreżentat minnu stess fil-21 ta' Ġunju 2018. (fol 151)

16. Rat ix-xhieda ta' Joseph Bonello, membru tar-Review Board, prodott mir-rikorrent u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fil-21 ta' Gunju 2018. (fol 152).

17. Rat ix-xhieda ta' **Louis Marsh**, membru tar-Review Board, prodott mir-rikorrent u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fil-21 ta' Gunju 2018. (fol 159)

18. Rat l-affidavit ta' Charles Cilia, ippreżentat mill-intimati fis-26 ta' Lulju 2018. (fol 165)

19. Rat l-affidavit ta' Joseph Degiorgio, ippreżentat mill-intimati fis-26 ta' Lulju 2018. (fol 168)

20. Rat l-affidavit ta' Joseph Stafrace, ippreżentat mill-intimati fis-26 ta' Lulju 2018. (fol 170)

21. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-23 ta' Ottubru 2019.

22. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Austin Masini, mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2019. (fol 188)

23. Rat illi fit-22 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tagħmel referenza tal-ħames eċċezzjoni ta' l-intimati, lill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), minħabba validita tal-Artikolu 460 tal-Kap 12 u l-possibbilta' ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li tali artikolu jikkawża.

24. Rat illi permezz ta' nota ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2020, il-ħames eċċezzjoni ta' l-intimati ġiet irtirata. (fol 223)

25. Rat illi fl-1 ta' Ottubru 2020, dina l-Qorti astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tar-rikors tat-22 ta' Settembru 2020.

26. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Carmel Cilia, mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2020. (fol 230)

27. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Joseph Degiorgio, mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2020. (fol 238)

28. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Joseph Stafrace, mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2020. (fol 244).

29. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2020, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

30. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub ippreżentati fil-15 ta' Diċembru 2020.

31. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati kollha bil-miktub ippreżentati fil-11 ta' Frar 2021.

32. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

33. Jirriżulta illi fis-sena 1997, ir-rikorrent, illi kien jaħdem fid-Dipartiment tas-Saħħa ġewwa l-Isptar t'Għawdex, applika għall-eżami ta' Principal, minn liema eżami iżda huwa ma għaddhiex peress illi ma ingħaddhiex mill-eżami orali minkejja li kien għadda mill-eżami fl-iskritt.

34. Jirriżulta illi fis-6 ta' Frar 2014, il-Gvern, permezz ta' Ċirkolari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru Nru 4/2014, ħabbar illi kien ser jitwaqqaf '***Grievances Unit***' "*sabiex jilqgħu u jistħarrġu talbiet li jiġu mressqa quddiemhom minn uffiċjali jew impjegati pubbliku li jħossu li saret xi inġustizzja magħhom*". (fol 109)

35. Jirriżulta illi fl-24 ta' Frar 2014, ir-rikorrent kiteb u talab illi "*ningħata rimedju ta' din l-inġustizzja li saret miegħi li għadni nbagħti l-konsegwenzi tagħha sal-lum il-ġurnata.*"

36. Jirriżulta illi, skond it-termini stabbiliti fiċ-ċirkolari fuq imsemmija,

> *"Il-Unit ser tkun qed tistħarreġ kull talba ppreżentata quddiemha. Kull talba għandha tigi mressqa mill-uffiċjal jew impjegat milqut mill-istess talba. Il-Unit ser tkun qed tistħarreġ dawk l-allegati inġustizzji li*

*allegatament ikunu seħħew fil-konfront ta' min ressaq it-talba, tul is-sebgħa snin ta' qabel tkun tressqet it-talba. Ser tistħarreġ ukoll dawk it-talbiet imressqa minn uffiċċjali jew impjegati pubbliċi li matul is-sebgħa snin ta' qabel tressqet it-talba jkunu allegatament batew konsegwenzi minn allegati inġustizzji li jkunu seħħew fil-konfront tagħhom qabel dan il-perjodu stipulat.*

37. Jirriżulta, skond ix-xhieda permezz ta' affidavit tar-rikorrent, fol 20, illi fid-9 ta' Settembru 2014, huwa deher quddiem il-Grievances Unit fi ħdan id-Dipartiment tas-saħħa iżda ġie infurmat illi l-każ tiegħu ma setax jiġi kkunsidrat peress illi ma kien seħħ xejn fl-aħħar sebgħa snin minn meta inħarġet iċ-ċirkolari, ossija bejn is-sena 2007 u 2014.

38. Jirriżulta illi sussegwentement, dejjem skond ix-xhieda permezz ta' affidavit tar-rikorrent, fl-24 ta' Ottubru 2014, data minnu korretta permezz ta' affidavit ulterjuri a fol 151, wara talba għal rikonsiderazzjoni, reġa' deher, din id-darba quddiem ir-Review Board, u wara li ġie mistoqsi jekk kellux xi ħaġa oħra xi jżid, għarrfu illi ma kien hemm xejn x'jerġa' jiġi kkunsidrat minnhom – ebda dokumentazzjoni f'dana is-sena ma ġiet ippreżentata mir-rikorrent.

39. Jirriżulta illi fl-20 ta' Awissu 2016, ir-rikorrent irċieva ittra mingħand il-'***Grievances Unit***' imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru tas-Saħħa, fejn ġie mgħarraf is-segwenti: (fol 7)

*Nirreferi għat-talba li inti ressaqt quddiem il-'Grievances Unit' imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa.*

*Din it-talba ġiet mistħarrġa u l-każ ingħalaq. F'dan ir-rigward, nixtieq ninfurmak illi d-deċiżjoni finali dwar it-talba tiegħek hija s-segwenti:*

*Il-Unit jinnota li dan il-każ seħħ fl-1997 u b'hekk imur lil hinn mill-kompetenza ta' żmien tal-Unit. B'hekk il-Unit ma jistax jirrakomanda xi tip ta' rimedju.*

*Nirringrazzjak tal-attenzjoni u l-koperazzjoni tiegħek, u nibgħat inselli għalik ħafna.*

40. Jirriżulta wkoll illi fl-1 ta' Marzu 2017, r-rikorrent irċieva ittra, din id-darba mingħand ir-'***Review Board***' imwaqqaf biex jistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa, fejn ġie mgħarraf is-segwenti: (fol 8)

*Nirreferi għat-talba tiegħek sabiex ir-rakkomandazzjoni kif deċiża mill-Grievances Unit tkun riveduta. F'dan ir-rigward, din it-talba ġiet mistħarrġa u ġie konkluż li r-rakkomandazzjoni deċiża mill-Grievances Unit tkun ikkonfermata.*

41. Jirriżulta illi, permezz tar-rikors odjern intavolat fil-11 ta' Awwissu 2017, huwa ntavola l-proċeduri quddiem dina l-Qorti sabiex jiġi dikjarat:

    a. Illi d-deċiżjonijiet meħuda kienu jikkostitwixxu għemil amministrattiv sindakabbli a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12;
    b. Illi tali deċiżjoni:
        i. Kissret il-Kostituzzjoni ta' Malta
        ii. Hija *ultra vires* peress li naqqsu josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji;
        iii. Tikkostitwixxi abbużtas-setgħa tal-awtorita' pubblika;
        iv. Marret kontra l-Liġi.
    c. Illi għalhekk id-deċiżjoni kellha tiġi annullata u mħassra.

## Konsiderazzjonijiet

### *Eċċezzjonijiet Preliminari*

42. Jirriżulta illi l-intimati ressqu bosta eċċezzjonijiet, uħud preliminari u oħrajn fil-meritu.

43. Jirriżulta illi dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, dina ġiet sorvolata meta l-atti inbagħtu quddiem dina l-Qorti.

44. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi dwar l-eċċezzjoni dwar nullita tar-rikors stante li ma saritx d-debita interpellazzjoni skond l-Artikolu 460(1) tal-Kap 12, dina ġiet irtirata mill-intimati u għalhekk ma hijiex ser tiġi kkunsidrata ulterjorment minn dina l-Qorti.

45. Jirriżulta illi l-intimati ressqu eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri fis-sens illi ma teżisti ebda entita' ġuridika bl-isem ta' *Grievances Unit* u *Review Board*, kif indikat mir-rikorrent, u illi l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

46. Jirriżulta ċar, mill-fatti tal-każ, illi l-*Grievances Unit* ġie stabbilit permezz ta' ċirkolari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u ma hijiex entita' stabbilita legalment, iżda biss entita li għaliha huwa responsabbli s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru relevanti, fil-każ odjern il-Ministeru għas-Saħħa.

47. Jirriżulta ċar, ukoll, mill-fatti tal-każ, illi l-istess japplika wkoll għar-'*Review Board*' li kien intiż unikament sabiex jirrevedi d-deċiżjoni tal-Grievances Unit, jekk ikun opportun, liema entita huwa responsabbli għaliha s-Segretarju Permanenti Ewlieni.

48. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' l-intimati rigwardanti n-nuqqas ta' interess ġuridku tal-Grievances Unit u tar-Review Board, kif indirizzati mir-rikorrent, jimmerita illi jintlaqa'.

49. Jirriżulta wkoll illi, a tenur tal-Artkolu 181B tal-Kap 12, illi l-Avukat Ġenerali, illum il-ġurnata Avukat tal-Istat, ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi, fil-każ odjern, huwa ċar illi l-azzjoni messha kienet diretta kontra s-Segretarju Permanenti fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa, li taħtu l-*Grievances Unit* kien jaqa', kif indikat ċarament fiċ-ċirkolari 4/2014 li biha ġie ikkreat tali Unit.

50. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' l-intimati rigwardanti l-fatt illi l-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat, ma huwiex il-leġittimu kontradittur, jimmerita illi jintlaqa' wkoll.

***Eċċezzjonijiet fil-meritu***

51. Jirriżulta illi l-bażi tal-azzjoni kollha tar-rikorrenti tista' tiġi riassunta fi frażi waħda illi l-istess rikorrent għamel fl-affidavit tiegħu a fol 20 tal-proċess, meta qal is-segwenti, meta kien qed jirreferi għar-Review Board:

> *Jiena għidtilhom li rrid nibda mill-bidu għaliex d-darba l-oħra ma semgħunix, biss dawn baqgħu jinsistu li semgħuni u bagħtu biss għalija biex nara jekk għandix xi ħaġa oħra x'inżid. Jien għidtilhom li ma għandi xejn x'inżid u tlaqt 'il barra.*

52. Jirriżulta illi Charles Cilia, li dak iż-żmien kien iċ-Chairman tal-Grievances Unit li sema' l-każ tar-rikorrent, kellu dan xi jgħid dwar l-ilment tar-rikorrent: (fol 166)

> *Ngħid illi lis-Sur Masini smajnieh u tajnieh ċans jitkellem. Ngħid illi madanakollu s-Sur Masini għamel aċċenn illi xi nies qabżuh imma ma semmiex min u għalhekk ma kellniex mezz nisimgħu jew naraw il-verżjoni ta' dawn in-nies. Ngħid illi s-sur Masini ma kienx speċifiku fi kliemu. Ngħid illi huwa ma tantx għinna f'dik l-informazzjoni li xtaqna aħna. Ngħid illi jekk applikant qed issemmi persuna u jgħid li qabżu politikament, aħna konna nippretendu illi ssir spjegazzjoni jiġifieri ta' 'kif u come' l-applikant saritlu inġustizzja;*

53. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jikkontendi illi d-deċiżjoni meħuda mill-Grievances Unit kif kkonfermata mir-Review Board, ossija illi "*l-ilment tas-Sur Masini jmur lill-hinn mis-sebgħa snin kif rikjest miċ-ċirkolari*", (fol 166) kienet waħda żbaljata u abbużiva stante illi nsista illi huwa, fil-mument illi ressaq l-ilment, huwa kien għadu qed ibagħti mill-konsegwenzi ta' dak illi kien seħħ fis-sena 1997, ossija sbatax-il sena qabel.

54. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi r-rwol ta' dina l-Qorti hija, fil-każijiet odjerni, hija illi tiddetermina jekk, l-ewwel u qabel kollox, hemmx egħmil amministrattiv li jista' jiġi kkunsidrat minnha u jekk tali għemil għandux jitqies bħala ultra vires.

55. L-ewwel u qabel kollox, jirriżulta illi, għalkemm id-deċiżjoni meħuda mill-***Grievances Unit*** u, sussegwentement, mir-***Review Board***, strettament ma humiex

deċiżjonijet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "awtorita' pubblika" kif stabbilita fl-Artikolu 469A (2) tal-Kap 12, jirriżulta illi d-deċiżjoni ta' tali entitajiet informali kienu eventwalment jitqiesu mid-dipartimenti rispettivi tagħhom, ossija l-Ministeru tas-Saħħa, fil-każ tal-Grievance Unit, u is-Segretarju Permanenti Ewlieni fil-każ tar-Review Board.

56. Għalhekk, il-Qorti tqis illi, ai fini ta' l-ewwel talba tar-rikorrent, d-deċiżjoni tagħhom hija waħda li tikkostitwixxi għemil amministrattiv u li għalhekk huwa sindakabbli minn dina l-Qorti a tenur tal-Artikolu 469A.

57. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk l-egħmil amministrattiv jiksirx il-Kostituzzjoni jew jekk huwiex ultra vires.

58. Il-Qorti hawnhekk tosserva s-segwenti fatti:

a. Fid-9 ta' Settembru 2014, ir-rikorrent deher quddiem il-Grievances Unit, fejn ingħata l-possibbilta' illi jressaq il-każ tiegħu, iżda ma ressaq ebda dokumentazzjoni u jew ismijet ta' persuni li setgħu b'xi mod jokkorroboraw l-allegazzjoni tiegħu li kienu waħħluh fl-interview tiegħu għal Principal Officer inġustament.

b. Fl-24 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrenti reġa' ngħata l-opportunita illi jidher, din id-darba, quddiem ir-Review Board, sabiex iressaq aktar informazzjoni illi setgħet tkun ta' utilita' għal każ tiegħu, iżda għal darba oħra ma ressaq xejn, u minflok jgħidilna "*tlaqt 'il barra*". (fol 20)

c. Quddiem dina l-Qorti, għalkemm ir-rikorrent allega li kien hemm istanzi fejn tqisu każijiet li kienu aktar antiki minn sebgħa snin qabel is-sena 2014, ma ressaq ebda prova ta' dan, għajr għax xhieda, kemmxejn nebuluża jekk mhux dubjuża, ta' ċerta Michael Grima, (fol 37) li kien segretarju tal-Grievances Unit ġewwa Għawdex, li stqarr li "*kellna każijiet li kienu jmorru lil hinn mis-sebgħa (7) snin li qed tgħid ... uħud minnhom kien hemm rakkomandazzjoni pożittiva, u uħud minnhom le*", mingħajr ma jagħti ebda indikazzjoni assoluta dwar x'kienu tali każijiet.

d. Quddiem dina l-Qorti, għalkemm ir-rikorrent jistqarr illi erbgħa u għoxrin (24) sena ilu, ossija fis-sena 1997, kien ġie inġustament mċaħħad mill-post ta' Principal Officer, ma ressaq ebda dokumentazzjoni in sostenn ta' tali allegazzjoni.

59. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-każ kollu tar-rikorrent, kemm quddiem il-Grievances Unit, kif ukoll ir-Review Board, u saħansitra quddiem dina l-Qorti, huwa bbażat fuq supposizzjonijiet u konklużjonijiet tiegħu li ma jsibu ebda konfort f'dokumentazzjoni jew fatti korroborattivi.

60. Il-Qorti tirrileva li, f'każ ta' allegat inġustizzja, l-inqas illi wieħed irid jagħmel huwa illi jressaq provi dokumentarji u fattwali dwar l-allegat inġustizzja minnu sofferta – u fin-nuqqas ta' tali provi, l-każ tiegħu ma jistax jitqies favorevolment.

61. Jirriżulta ċar, mix-xhieda kollha prodotta mill-intimati, illi tul il-proċess kollu, r-rikorrent qatt ma ressaq provi biex jissostanzja dak li kien qiegħed jallega. Fi kliem iż-Chairman tal-Grievances Unit, Charles Cilia,

> *" … f'aspett ta' provi, applikant jista' jgħid ħafna affarijiet, pero' jekk ma jagħtix indikazzjoni lill-unit u jġib provi konkreti illi qiegħed iġarrab l-effett tal-allegata inġustizzja illum il-ġurnata, l-unit ikollu jdejh marbutin fis-sens illi jiddeċiedi illi l-ilment tiegħu jmur lill-hinn mis-sebgħa (7) snin kif spjegati fl-imsemmija ċirkolari. **Ngħid illi hekk ġara fil-każ odjern.**" (emfażi ta' dina l-Qorti)*

62. Jirriżulta ċar illi ċ-ċirkolari 4/2014 kienet tipprovdi għall-inġustizzji illi seħħew sa sebgħa snin qabel ma nħarġet tali ċirkolari, u kienet tinkludi wkoll każijiet fejn effetti ta' inġustizzji li setgħu seħħew qabel kienu għadhom qed jinħassu f'dak il-perjodu ta' sebgħa snin.

63. Fil-każ tar-rikorrent, huwa ma ressaq ebda prova li juri illi fis-sebgħa snin ta' qabel is-sena 2014 huwa kien għadu qed isofri minn allegat inġustizzja illi saritlu fis-sena 1997, ossija sbatax-il sena qabel.

64. Il-Qorti tosserva illi kemm il-***Grievances Unit***, kif ukoll ir-***Review Board***, taw lir-rikorrent kull opportunita illi jressaq il-każ tiegħu, iżda huwa naqas milli jipprova l-każ tiegħu.

65. Jingħad ukoll illi r-rikorrent ma għamel ebda tentattiv sabiex iressaq il-każ tiegħu quddiem l-Ombudsman, kif kellu kull dritt illi jagħmel.

66. Għalhekk, il-Qorti tqis illi kemm il-***Grievances Unit*** kif ukoll ir-***Review Board*** fl-ebda ħin ma aġixxew fil-konfront tar-rikorrent b'mod illi jwassal lill-dina l-Qorti tiddikjara tali egħmil amministrattiv bħala null, invalidu jew mingħajr effett.

**Konklużjoni:**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi rat is-sottomissjonijuet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-*Grievances Unit* u tar-*Review Board* huma għemil amministrattiv sindakabbli minn dina l-Qorti filwaqt illi;

**Tiċħad** it-tieni u tielet talba tar-rikorrent billi tiddikjara illi ma seħħ ebda ksur fil-konfront tar-rikorrent u għalhekk id-deċiżjonijiet tal-Grievances Unit u tar-Review Board ma jistħoqqx illi jiġu annullati u mħassrin.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni lkoll a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**